MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 65/2013

Kawza fil-lista: 19

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat mill-attrici **A B** li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-27 ta' Awwissu 2011, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom [illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mCata bhala **Dok. A**], u sseparaw nhar it-23 ta' Jannar 2013, skond kif jidher mill-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali taghhom [illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mCata bhala **Dok.B**];

2. Illi l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin mill-eta` ta' tnax-il sena peress illi kienu girien, u bdew johrogu flimkien meta kellhom biss sbatax-il sena;

3. Illi ftit snin qabel il-kontendenti bdew johorgu flimkien, omm il-konvenut kienet telqet mid-dar u eventwalment kellha iben minn relazzjoni estra- matrimonjali, liema cirkostanza gabet hafna tensjoni u rabja fil-konvenut ghaliex ghal diversi snin ma setax jaccetta lil din it-tarbija, u fil-fatt kien jichad illi ghandu huh;

4. Illi matul l-gherusija taghhom illi damet tnax-il sena, il-kontendenti kellhom problemi kbar fir-relazzjoni taghhom, tant illi temmew ir-relazzjoni taghhom erba' darbiet, ghal diversi xhur kull darba, u dejjem minhabba l-istess raguni - l-atteggjament u agir aggressiv tal-konvenut meta dan ikun xorob hafna alkohol – haga illi kienet issir regolarment;

5. Illi fil-fatt, il-problema familjari illi kellu l-konvenut effettwat ferm il-personalita` tieghu u r-relazzjoni tieghu ma' l-esponenti fl-gherusija ghaliex kull meta kien imiss l-alkohol (ghalkemm il-konvenut ma kienx alkoholiku) kien jinbidel f'persuna aggressiva u insapportabbli b'dan illi l-esponenti kienet dejjem tispicca vittma ta' l-agir tieghu partikolarment minhabba x-xenati u tghajjir fil-pubbliku minghajr ebda raguni ;

6. Illi eventwalment fl-ahhar firda tal-partijiet matul l-gherusija taghhom, il-konvenut innifsu rrikonoxxa illi kellu l-problemi u fittex l-ghajnuna tal-psikoterapista Dr Malcolm Tortell, illi ghen lill-konvenut jifhem illi r-rabja illi kien jizvoga kull meta jmiss l-alkohol kienet rizultat tal-problemi illi kellu fil-familja;

7. Illi din l-ahhar firda damet sitt xhur u matulha l-konvenut kien hadem fuq il-problema illi kellu bis-serjeta` u ghalhekk talab lill-esponenti sabiex jergghu lura flimkien. Minkejja illi l-esponenti ma kellhiex l-istess xewqa ghaliex, sa dan it-tant kienet fiehmet illi hija ma kienitx thobb lill-konvenut, hija sforzat lilha nnifisha sabiex taghti lill-konvenut cans iehor bhala persuna riformata, ghaliex hassitha hatja illi tarmi l-ghaxar snin gherusija bejn il-partijiet;

8. Illi f'dan l-istadju, minhabba l-fatt illi l-partijiet kienu ilhom flimkien ghal snin twal, hassew illi, iridu jew ma jridux, kien wasal iz-zmien illi jiehdu l-pass illi kien imiss u kwindi ddecidew illi jizzewwgu;

9. Minkejja d-dubji kollha illi kienu qeghdin jahkmu lill-esponenti dwar ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, l-esponenti accettat illi tizzewweg mhux ghaliex kienet thobb lill-konvenut izda ghaliex ittamat illi bl-entuzjazmu illi jgibu maghhom l-preparamenti tat-tieg, kienet ser taljena rasha, twarrab id-dubbji illi kellha u thossha ahjar. Apparti dan, l-esponenti kienet thoss illi kien wasal iz-zmien sabiex ikollha t-tfal, u hija kienet qieset iz-zwieg bhala kundizzjoni essenzjali sabiex hija jkollha l-ulied bit-tama illi dawn inehhulha d-dwejjaq illi kienet thoss;

10. Illi, ciononostante, f'dan il-perijodu l-esponenti kienet qieghda thoss birda assoluta fil-konfront tal-konvenut illi kienet titkellem dwarha ma' ommha u anke mal-konvenut stess, izda dan kien dejjem ifakkarha dwar kif hu kien rranga u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn thossha hekk. L-incertezza ta' l-esponenti kompliet tizdied iktar ma qorbot il-gurnata tat-tieg tant illi fl-ahhar xhur, kienet anke kostretta illi tfittex l-ghajnuna tat-terapista Dr Dorothy Scicluna izda effettivament kien tard wisq sabiex dan l-intervent seta' b'xi mod ibiddel il-kors ta' hajjet l-esponenti f'dak l-istadju;

11. Fil-jum tat-tieg l-esponenti kienet mahkuma minn apatija u dwejjaq kbar ghaliex kienet taf illi kienet qieghda tiehu pass illi hija bl-ebda mod ma riedet u li effettivament, hija ma rieditx iz-zwieg izda kienet dahlet ghac-cerimonja wara sforz tremend u persistenti taghha sabiex teghleb u sahansitra tmur kontra dak illi verament kienet qieghda thoss;

12. Illi l-esponenti llum tirrealizza effettivament illi l-problemi fil-personalita` tal-konvenut matul l-gherusija kienu qatlu l-emozzjonijiet taghha lejh tant illi meta l-partijiet izzewgu, l-esponenti ma kienitx thobb lill-konvenut, u fil-fatt, l-atteggjament u l-attitudni taghha komplew jaggravaw fiz-zwieg illi kien effettivament separazzjoni bierda sa mill-bidu nett, u qatt ma ffunzjona bhala milja tar-relazzjoni tal-partijiet illi kellhom biss ko-ezistenza taht saqaf wiehed f'dik illi effettivament kienet separazzjoni *de facto* tista' tghid mill-bidu nett taz-zwieg;

13. Illi jinghad ukoll illi l-konvenut ukoll kien immatur meta accetta illi jizzewweg lill-esponenti minkejja illi sa mill-gherusija kien jidher car illi l-istess esponenti ma kienitx thobbu tant illi hija qaltlu dan il-fatt apertament u ripetutament;

14. Illi effettivament, sa mill-bidu nett taz-zwieg il-partijiet irriskontraw problemi kbar fil-konvivenza taghhom, u fi ftit zmien il-konvenut ma felahx ghall-agir biered u distanti ta' l-esponenti, u effettivament telaq mid-dar matrimonjali wara biss tmien xhur zwieg. Ghalkemm irrikorrew ghall-ghajnuna ghand it-terapista Mariella Blackman, il-partijiet ma rnexxielhomx jergghu lura flimkien ghaliex effettivament ir-relazzjoni ta' bejniethom qatt ma kienet zwieg ta' veru;

15. Illi minn dawn il-fatti jsegwi illi l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, illi fixklu serjament il-hajja mizzewga tal-partijiet u ghamluha impossibbli ghall-istess partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

16. Illi inoltre jirrizulta illi l-kunsens ta' l-esponenti nghata bl-eskluzjoni pozittiva u totali taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u senjatament ghaliex l-esponenti zzewget unikament ghaliex baqghet tisfida l-vera emozzjonijiet taghha u sahansitra marret interament kontra l-istess hsus taghha u zzewget minkejja illi assolutament ma kienitx thobb lill-konvenut u ma rieditx iz-zwieg;

17. Illi ghalhekk iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet ta' l-**Artikolu 19** fosthom is-subincizi **(d) u (f)** ta' l-**Att Dwar Iz-Zwieg**.

18. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

Talbet lil Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar is-27 ta’ Awwissu 2011, huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet ta’ l-**Artikolu 19** ta’ l-**Att Dwar iz-Zwieg**, fosthom is-subincizi **(d) u (f)** ta’ l-istess **Artikolu 19**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti;

Rat ir-risposta guramentata[1] tal-intimat fejn iddikjara:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti b'dan illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u mhux lill-esponenti kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tar-rikors.

2. Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

[1] a folio 37

**Provi**

Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-partijiet bdew relazzjoni meta it-tnejn kellhom 17 il-sena; Waqt l-gherusija li damet ghaxar snin kien ikollhom ta' spiss argumenti u giet interrotta diversi drabi. Wara l-ahhar interruzzjoni, meta irrangaw, ddecidew li jizzewgu. Il-preparamenti hadu circa sentejn u zzewgu fis-27 ta' Awissu 2011. Ghall-honeymoon marru xahar l-Amerika.

Il-hajja matrimonjali damet biss tmien xhur u sseparaw de facto. Sussegwentement isseparaw de jure fit-23 ta' Jannar 2013. Fis-26 ta' Marzu 2013 l-attrici ipprezentat rikors fejn talbet li z-zwieg jigi dikjarat null u bla effett fil-Ligi peress li l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat.

***Verzjoni attrici***

L-attrici xehdet bil-mezz ta' affidavit[2].

Waqt l-gherusija tghid li r-relazzjoni ghall-ewwel '*kienet bhal kwalunkwe relazzjoni ohra.*' Pero wara ftit xhur bdew ikollhom hafna argumenti '*regolari, tista' tghid ta' kull gimgha*' kemm minhabba li l-konvenut beda juri atteggjament aggressiv u vjolenti meta jmiss mall-alkohol -'*C kellu habta li jizvoga d-dwejjaq tieghu fija.........kien jispicca jghajjarni, b'hafna kliem oxxen fil-pubbliku.....kont nispicca vittma ta' hafna insulti, kliem hazin u iktar aggressjoni da parti ta' C - sahansitra f'okkazzjoni minnhom tani daqqa ta' banketta f'bar mimli nies.* u ukoll, tghid li '*kien ighir hafna ghalija.......... .* '

Hassru erba' darbiet pero, tghid, fuq l-insistenza tal-konvenut ghax ma kienx jaccetta u ma kienx ihalliha bi kwieta kienu jirrangaw ghax terga taqa' ghalih - '*konna nkomplu r-relazzjoni fejn inkunu hallejnieha, minghajr ma naghmlu xejn biex insolvu l-kagun tal-problema precedenti. Ghalhekk konna nergghu naqghu koppi – we were stuck in a rut.*'

L-attrici tispjega dan l-agir bhala rizultat tat-trobbija tal-konvenut ghax wara s-separazzjoni tal-genituri tieghu '*baqa' jghix ma' missieru, u qatt ma accetta lil huh iz-zghir, u matul is-snin kibret fih rabja kbira illi, sfortunatament, ma gharafx jikkontrollaha.*'

Tghid li f'Jannar 2009 wara li hassru ghar-raba' darba *'iddecieda illi jmur ghal ghajnuna professjonali..... C kien wasal illi jaccetta lil huh iz-zghir ghall-ewwel darba.'*

F'Gunju 2009, wara sitt xhur mhux flimkien u wara din it-terapija meta ukoll *'C illi issa kien inbidel u m'ghadux il-persuna ta' qabel.'* regghu sabu ruhhom flimkien u iffissaw id-data taz-zwieg. L-attrici tixehed li meta hadet din id-decizjoni, ghalkemm kellha nuqqas ta' hegga peress li kienet qieghda thossha komda tghix minghajr il-konvenut '*ma kontx hassejt in-nuqqas tieghu u ma kelli ebda gibda sabiex nergghu lura flimkien*' - irragunat illi '*fejn kont ili nghaddi minn tant mumenti koroh mieghu,*

[2] a folio 32 et seq

*kelli naghtih cans iehor peress illi issa kien verament hadem fuq il-problemi tieghu......konna ilna gharajjes disa' snin u jien, li sadanittant kelli sitta u ghoxrin sena, Irragunajt li jekk se narmi disa' snin gherusija, u nfittex lil haddiehor, ikolli nerga' nibda mill-bidu u mbaghad Alla biss jaf meta kont nizzewweg u jkolli t-tfal...........Jiena pprovajt nikkonvinci lil nnifsi'* hasbet li '*l-entuzjazmu illi jgib mieghu t-tieg seta' jgieghlni nhobbu mill-gdid lil C.'*

Tispjega din il-bidla ta' attitudini lejn l-gharus taghha l-attrici minhabba rabja '*li ma kontx konxja taghha dak iz zmien* 'u li giet akkumulata minn dawn l-incidenti. '*Ma stajtx ninsa l-passat u s-snin shah ta' inkwiet, tghajjir u aggressjoni kienu wasslu sabiex jiena ma bqajt inhoss xejn ghal C hlief rabja u stmerrija. C kien jaf b'dan ghaliex gieli ddiskutejna kif kont inhossni lejh, izda kien jinsisti illi dawn il-hsibijiet tieghi kienu ossessjonijiet ghaliex issa hu kien inbidel, u ghalhekk ma kellix ghaliex ma nhossnix komda mieghu.'*

Peress li kien wassal it-tieg u baqghet thossha l-istess tghid hekk: *'Ghalhekk bqajt niggieled kontra l-emozzjonijiet tieghi u, jum wara jum, kien joqrob it-tieg li tant kont qieghda nibza' minnu. Tant ma kontx qieghda nhossni tajba bid-decizjoni li kont qed naghmel li sahansitra kont iddecidejt illi nzomm kunjom xbubiti halli jekk iz-zwieg ma jirnexxix, ma jkollix hafna problemi bil-kunjom.'*

In-nies ta' madwarha (ommha u habibitha) indunnaw b'dawn id-dubji u wissewwha pero ghalkemm kienet thoss li ghandhom ragun: *' f'dan iz-zmien, jiena kont imbezza' hafna u ma kellix il-kuragg illi nhassar it-tieg ghaliex ma ridtx inwegga' lil C u lanqas ninkwieta lill-genituri tieghi. Ghalhekk kont dahhaltha f'rasi illi nibqa' sejra lejn iz-zwieg biex inkun certa illi ghamilt dak kollu li stajt biex ir-relazzjoni taghna ma tispiccax fix-xejn wara dawk is-snin kollha.'*

Waqt ir-*reception* tat-tieg hassha hazin; marru *honeymoon* ta' xahar l-Amerika u lura Malta meta bdiet taqsam hajjitha mal-konvenut irrealizat li *'il-miraklu li kont qed nittama fih - li C ma jibqax idejjaqni sahansitra bil-prezenza u l-ezistenza tieghu biss, u illi jien nibda ngib ruhi normali mieghu.'* ma sehhx.

Tiddiskrivi l-hajja konjugali: ' m*ill-bidu nett, iz-zwieg taghna kien mahkum minn hafna tensjoni u nista' nghid illi qatt ma ghexna ta' koppja mizzewga. Litteralment lanqas biss kont inhossni komda nkun fil-prezenza ta' C – kont niddejjaq u ningibed jekk jersaq lejja jew jipprova jghannaqni, nevitah kemm nista' u sahansitra anke kont nara kif naghmel biex immur niekol f'kamra ohra. Lanqas imqar DVD ma kont inkun irrid nara mieghu. Naturalment minhabba dan l-agir tieghi, mhux biss jiena kont imdejqa u depressed, imma gab dwejjaq ukoll f'C illi kien qieghed jinduna bl-izball kbir li ghamilna meta zzewwigna. Fi zmien ftit gimghat wara z-zwieg, anke C spicca mimli bit-tensjoni huwa wkoll – kien dejjem attent izzejjed kif igib ruhu mieghi biex jipprova ma jirritanix. Eventwalment C ma felahx din is-sitwazzjoni iktar, u peress illi konna noqoghdu fid-dar tieghi, kien telaq u mar jghix ghand missieru f'April tas-sena 2012 wara tmien xhur zwieg.'*

**Omm l-attrici Liliana B** permezz tal-affidavit[3] tixehed li kellha grazzja mll-konvenut *'ghaliex kien jidher tifel mill-ahjar'.* Kienet tara li fl-gherusija l-attrici**,** *Audrey 'kienet tidher kuntenta mieghu.* Kienet *'tistenna illi jkollhom xi jghidu bejniethom 'l hawn u 'l hinn......qatt ma kont ninkwieta hafna.........ghaliex nemmen li kull relazzjoni jkollha l-intoppi taghha.............. kienu jibqghu in touch.'*

Tiddeskrivi dawn il-breaks bhala *'superficjali ghall-ahhar'* minhabba li kienu jibqghu bil-kuntatt u b'hekk ma kienux jaghtu cans iirriflettu ftit fuqhom innifshom u fuq ir-relazzjoni taghhom.

Dwar kif kien tigi trattata minn C bintha ma kienetx tghidilha u *'kieku kont ninkwieta mhux ftit u kont nifthilha ghajnejha sabiex ma tkomplix ir-relazzjoni.'* Dwar l-ghira u l-pussess tal-konvenut fuq l-attrici tispjegah bhala raguni ghax il-konvenut *'kien jixtieq illi jkollu relazzjoni perfetta, u kien dejjem jibza' illi r-relazzjoni tieghu ma' binti tisfaxxa kif sfortunatament gara lill-familja tieghu meta ommu telqet lil missieru. Ghalhekk, meta Audrey kienet titkellem mieghi dwar dawn l-affarijiet, jiena ma kontx narahom bhala issues serji hafna, u fuq kollox jien kont nemmen li Audrey ghandha l-eta` taghha u matura bizzejjed biex taghraf x'inhu tajjeb ghaliha.'*

Waqt l-argumenti kienet tibqa' imparzjali u kienet taghder it-tensjoni li kien ihoss il-konvenut *'din il-kwistjoni hija sensittiva ghal C illi kellu fih certa frustrazzjoni u bluff li jiena nemmen li kienu qoxra sabiex ighatti u jostor id-dwejjaq rizultat tas-sitwazzjoni familjari tieghu.'*

Tixhed li l-attrici kienet tiddejjaq meta tirritorna mid-dar u issib lil C jistenniha u *'malli tara lil wiccu, kienet dejjem tinnervja u tiehdu bil-herra.....kienet tibda tgerger u tissuppervja go wicc C stess. Jiena kont nipprova nistaqsiha ghaliex kellha din l-attitudni, izda malli kont nipprova nkellimha kienet tinnervja, u qatt ma kienet taghtini sodisfazzjoni. Din l-attitudini ta' Audrey kienet kompliet tiggrava matul is-snin, u specjalment iktar kemm qorbu lejn it-tieg.'*

Lejn l-ahhar sentejn qabel it-tieg *'Audrey ma kienet tkun kuntenta qatt. Ir-rabja taghha lejn C kienet haga kostanti, u mhux biss darba kull tant kif wiehed jistenna f'relazzjonijiet normali, jew fi granet meta Audrey forsi kienet tkun mahkuma mit-tensjoni tax-xoghol. Audrey kienet trid issib xi jdejjaqha f'C anke f'mumenti fejn hu kien ikun qieghed jaghmel mill-ahjar li jista' sabiex jaraha kuntenta.......... Meta kont nara hekk, bdejt ninduna li l-affarijiet bejn Audrey u C ma kienux sew, u li l-agir ta' binti ma kienx normali. Ghalhekk f'dan iz-zmien, kont gieli anke nghidilha biex jekk hemm bzonn thassar l-gherusija, izda Audrey kienet tghidli illi lesta tkompli tipprova biex forsi ssir thobbu lil C. Din il-bicca xejn ma kienet toghgobni, izda t-tfal ta' rashom jaghmlu u mhux li tghidilhom int.'*

[3] a folio 22 et seq

Dan l-attitudini u agir baqa' ghaddej u qisu indika li '*l-prezenza ta' C f'hajjitha kienet toholqilha dwejjaq lil binti, mhux ferh'* Meta x-xhud kienet tikkumenta fuq dan ir-risposta tal-attrici kienet tkun: *"Jien issa ghamilt commitment u rrid insegwih".*

Ma setghatx tifhem kif C kien jissaportiha:- '*Imma Audrey lanqas biss kienet thossha skomda dwar dan, u kienet dejjem tghidli illi hu jaf sew kif thossha lejh, inkluz il-fatt illi kien jaf illi ma kienitx taghtih her 100%, izda kien lest illi jirriskja. Jien nistqarr li f'dan l-istadju kont inhossni ma nista' naghmel xejn avolja kont qed narahom sejrin lejn ir-rovina, ghaliex kemm binti u kif ukoll C kienu jafu car x'inhu jigri, u baqghu resqin lejn iz-zwieg minkejja illi kienu konxji tal-problemi tremendi li kien hemm fir-relazzjoni taghhom. Imma nghid kemm nghid jien, dawn li jridu kienu se jaghmlu........... ma kont xejn konvinta mir-relazzjoni ta' bejn C u Audrey, huma ddeccidew illi jkomplu ghall-pass li jmiss ghaz-zwieg, u wara li hadu din id-decizjoni, kienu konvinti illi ma jergghux lura minn dan il-commitment avolja l-affarijiet bejniethom komplew sejrin lura bhall-granc.*'

Il-preparamenti tat-tieg hadet hsiebhom l-attrici imma ix-xhud tirriCa lli '*kienu neqsin mill-emozzjonijiet illi jgib mieghu tieg.........Kienet qiesha qieghda taghmel bicca xoghol – task xejn pjacevoli, u mhux thejji ghal avveniment illi suppost herqana ghalih.* Dwar il-hajja qasira tal-partijiet bhala mizzewwgin ix-xhud tghid li '*Meta kont inkun fil-prezenza taghhom, kienu kwazi jgieghluni nhossni skomda ghaliex dejjem qishom miggieldin anke jekk ma kienx ikun jidher illi kellhom xi argument. Il-bruda illi kellhom fl-gherusija kompliet zdiedet fiz-zwieg – qieshom dejjem bil-buri u rrabjati ghal xulxin. Wicc binti qatt ma kont tarah jitbissem – la qabel iz-zwieg, u wisq anqas wara. ........Kienet tinhass hafna birda bejniethom, u nuqqas ta' entuzjazmu ta' bejn koppja friska li ghadhom kemm izzewwgu u marru jghixu flimkien. Anzi , kien ovvju illi kienu jdejjqu lil xulxin u jaghmlu hajjet xulxin mizerja – aktar milli ga` kienu fl-gherusija*'

Li z-zwieg sfaxxa, tghid - '*ma kienx xi xokk illi ma kampawx flimkien.*' u tispjega ' *Illum naf ukoll li r-ragunijiet ghal dawn il-hafna breaks fl-gherusija kienu serji, u nista' nifhem ghaliex Audrey qatt ma setghet tara lil C f'dawl tajjeb la darba ma kienitx lesta illi tahfirlu dak illi kien jaghmlilha, anke meta kien inbidel u waqaf jizvoga d-dwejjaq tieghu fiha u jaghmlilha x-xenati fil-pubbliku. Illum-il gurnata, issa li C u Audrey ilhom madwar sena mhux flimkien, nista' nghid li Audrey tinsab hafna ahjar – naraha hafna iktar serena u kuntenta biha nnifisha.*'

**Sousana Zurgani, habiba tal-attrici,** permezz ta' affidavit[4] tixhed li saret taf mill-vicin lill-attrici fis-sena 2009 u dan wara li semghet li l-attrici kienet iffissat id-data tat-tieg wara li regghet irrangat ma' l-gharus taghha wara sitt xhur mifrudin - '*qattajt ix-xhur kollha minn meta C u Audrey ddecidew li jizzewwgu ghall-habta ta' Settembru 2009 sat-tieg taghhom f'Awwissu 2011, dejjem fl-istess ufficju ma' Audrey – u kien b'hekk illi sirna hbieb sewwa.*'

---

[4] a folio 27 et seq

Tiddeskrivi lill-attrici bhala bniedma b'karattru pjuttost pessimist, minghajr kunfidenza fiha innifisha - *'dejjem tmaqdar lilha nnifisha fis-sens.....iggib lil haddiehor qabilha* - Tirraguna li kien minhabba l-karatteristika fil-karattru taghha - li hija *'persuna pleaser sforz in-nuqqas ta' fiducja illi ghandha fiha nnifisha.'* l-attrici meta '*C kien baqa' jigri u jsus warajha, u apparentement anke kien ha hsieb jipprova jirranga l-problemi tieghu, ma kellhiex il-kuragg illi tiddizappuntah u tghidlu illi tixtieq tkompli b'hajjitha minghajru, u ghalhekk iddecidiet illi tikkuntentah u cediet li taghtih cans iehor.'*

Tghid li l-attrici kienet qaltilha l*i 'hi kienet kuntenta hafna fis-sitt xhur illi kienet single l-ahhar darba illi hi u C kienu nfirdu..........., ma kienet qatghet xejn mill-kuntatt ma' C ghaliex hu kien baqa' jikkuntattjaha regolarment...........kienet ilha ma' C ghal diversi snin u taf li C qieghed dejjem hemm ghaliha, qisu her safety net..*

Ghax-xhud l-attrici kienet bniedma li '*kellha xewqa illi tizzewweg u jkollha t-tfal'* u sperat '*illi biz-zwieg kienu ser jirrangaw il-problemi ta' bejniethom!' Aktar ma l-hbiberija taghna kibret, iktar kont nghidilha b'mod apert x'kont nahseb u l-bizghat tieghi dwar ir-relazzjoni taghha ma' C........... Fil-fatt kont wasalt nistaqsiha lil Audrey jekk lil C thobbux, u hafna drabi kienet twegibni b'gest ta' passivita`, tgholli spallejha u tghidli illi issa kienet drat mieghu. Qatt ma qaltli li thobbu meta kont nistaqsiha...............Darba niftakar, ghall-habta ta' Jannar 2011, jigifieri inqas minn tmien xhur qabel id-data tat-tieg, lil Audrey kont staqsejtha direttament jekk thobbux u jekk tridx tizzewweg, u Audrey kienet qaltli "forsi la nizzewwgu nsir inhobbu".*

Tghid li fil-hajja mizzewga l-attrici kienet tidher *'li mhix ferhana u kienet twiegeb bil-passivita` tipika taghha "issa naraw".'* Wara seba' xhur l-attrici qalet lix-xhud: - *"mhux jirnexxieli z-zwieg ghaliex ghadni rrabjata lejn C"* talbietha tghina bis-separazzjoni. Skond ix-xhud: *'Dan iz-zwieg qatt ma rnexxa ghaliex "C healed from violence but Audrey did not heal from her anger".*

**Dr Dorothy Scicluna**, clinical psychologist u psychotherapist, xehdet viva voce li peress li l-attrici marret ghal ftit sessions xaghrejn biss qabel it-tieg '*ma konniex ser nilhqu nahdmu fuq l-issue principali taghha. Hi kienet qed thoss dubju fiz-zwieg li kienet ser tidhol go fih.'*

Tiddeskrivi l-attrici bhala persuna li tibqa' tistenna u tittama. *'Wahda mill-issues taghha kienet li kienet issibha difficli li tghid le. Meta wasal it-tieg kienet indunat illi qisu bit-tieg tkun pruvat kollox u din l-istorja tahdem u kienet aspirat illi forsi kienet sa tara bidla fih.'*

Ghax-xhud id-dubbji kienu serji u '*dubji reali imma tant ma tafx tghid le illi hasset illi biz-zwieg ikkonkludiet l-istorja..............li kien car hija illi hija ma kelliex intenzjoni li thassar it-tieg.......... Id-dubji li kellha kienu mixture bejn il-personalita' taghha u dak li kien qed jigri fir-relazzjoni.......Kellha dubji fl-agir tieghu peress illi kienet isemmi ghajjat, offizi u xi drabi anki mbuttaha fi glieda. Ma dhalniex fiha jekk kinitx tibza' minnu ghax ma hdimniex fuqha biss, pero' semmejna li hija kienet iccedi u hu kien iktar potenti. Kien jikkonvinciha malajr u hi dejjem kienet tittama.'*

Tghid li l-attrici kienet ikkuntatjatha '*xi xhur wara z-zwieg fejn hi infurmatni illi z-zwieg ma kienx hadem u li nfatti kienu waslu ghal separazzjoni.'*

***Verzjoni tal-konvenut***

Il-konvenut jaghti it-testimonjanza tieghu permezz ta' affidavit[5] u viva voce[6].

Fl-affidavit il-konvenut jiddeskrivi l-gherusija bhala wahda normali *'salv forsi xi problemi zghar illi kull koppja jkollha specjalment fl-eta' tenera illi kellna.'*[7] u fil-kontro-ezami izid li *'forsi kellna daqsxejn ammont ta' argumenti iktar minn normal.'*

Dwar l-argumenti u l-fatt li kienu jergghu jirrangaw jghid '*Jien minn naha tieghi kont willing li nerga' nirranga. Ma nimmaginax li qatt gieghelt lil hadd jaqbel mieghi u Audrey ukoll kienet.........Jekk ikun hemm turbulanza tipprova tirrangaha. Allahares fil-hajja jkun hemm turbulenza u taqta' qalbek u titlaq 'l hemm ghax ma naghmlu xejn inkella.............certi glidiet jew argumenti stajt nihhendiljhom ahjar, niehu responsabbilita' taghhom, biss once li niddeciedi li tasal f'pass li tintrabat li tizzewweg nahseb jien li l-persuna l-ohra jekk hasssitha aggravata minn certu argumenti u minn certu episodji inti tohodha li its the past and you move forward.*

Jghid li iffissaw id-data tat-tieg *'wara li hassarna diversi drabi, iddecidejma lli nimxu 'l quddiem fir-relazzjoni taghna.'*

Ghalkemm jghid li d-decizjoni li jizzewgu kienet '*ittiehdet b'intenzjoni tajba miz-zewg nahat peress illi ahna hsibna illi billi ser naghmlu dan il-pass u nidhlu ghal hajja mizzewga, kienet ser tkun decizjoni ghaqlija biex nistabilixxu r-relazzjoni taghna u nkunu kuntenti bhal qatt qabel',* izzid li '*id-decizjoni taghha haditha wara illi rrealizzat illi hija qatt ma hasset xejn iktar minn hbiberija fil-konfront tieghi.'*

Fuq dan il-punt jghid:- '*Jista jkun illi jiena kont il-kagun ta' dan kollu pero' kont nippretendi illi hija tkellimni u tghidli x'qeghda thoss qabel ma' zzewwigna. Kieku ghamlet dan, konna nipprovaw immorru ghal xi counselling u jekk din is-sitwwazzkjoni tibqa' hemm, kont nikkancella z-zwieg.'*

---

[5] a folio 57 et seq
[6] a folio 61 et seq
[7] a folio 57

Jistqarr li '*minhabba problemi personali sforz tat-trobbija turbolenti illi kelli u li dawn ghamlu l-affarijiet impossibli ghalija sabiex inkun nista' nesprimi l-imhabba illi kelli lejha b'mod normali.'* u '*l-imhabba illi kienet tghid li kellha lejja qatt ma ezistiet.' u ghalhekk iz-zwieg taghna ghandu jkun annullat ghar-raguni li kienet Audry Ann li ma kienetx lesta ghall-hajja ta' zwieg bdak kollu illi jinvolvi u mhux jien.'* Skond il-konvenut li '*as such ma jiddispjacinix tal-pass li ghamilt ghaliex dak li ridt naghmel konxjament..........tant emmint li tista' tahdem din il-gurnata li zzewwigna, minn dakinhar stess jigifieri, mill-gurnata tat-tieg hemmehkk ir-realta' bdiet tohrog.............Jiena kieku kont mgharraf li l-ex mara tieghi kienet qed thossha hazin u marret sahansitra kif stqarret fl-affidavit taghha ghand psychologist fit xhur qabel ma zzewwigna, to the least kont nghidilha ha nigi mieghek u mbaghad jekk l-affarijiet ma jistghux jitrangaw ma kontx ser nizzewweg...jiena accettajt il-karattru taghha u kont kuntent bih ghalkemm setghet kienet ahjar milli kienet imma fil-hajja ma tistax tiddeciedi kollox kif joghgob lilek mija fil-mija 'dan iz-zwieg messu qatt ma sehh'* u dan ghaliex l-attrici ma kienitx lesta ghaz-zwieg -

**L-Azzjoni**

Permezz tal-kawza minnha ntavolata l-attrici qed jitlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghaliex skond l-attrici il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (d) u ghaliex il-kunsens ta' l-attrici nghata wkoll b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (f) tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

Id-difiza tal-konvenut hi fis-sens illi t-talba ghall-annullament taz-zwieg ghandha tigi akkolta ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u mhux lill-esponenti.

**Konsiderazjonijiet tal-Qorti.**

Il-Gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqqa. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna"** deciza fis-6 ta' Novembru 1991:-

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u*

*espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għallannullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor.'*

*Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph B vs Bernardette B"** (27 ta' Jannar, 2006) jinghad hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Fuq it-tema tal-validita' ta' kunsens moghti issir referenza wkoll ghal decizzjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Lawrence B vs George B"** deciza fit-30 ta' Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: *"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni…………Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".*

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament" (*Qorti tal-Appell - "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** - 28 ta' Lulju 1987).

Ikkunsidrat:

Il-provvedimenti legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna huma s-segwenti:-

**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255**:

***B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:***

***- omissis -***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

***- omissis -***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi kif diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (f) u fl-istess imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (d) tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza "**Kenneth Cefai vs Louise Cefai"** (Appell – 11 ta' Novembru 2011):-

*"Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza* ***Baldacchino v. Duan****, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:*

*"It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

Fuq l-istess linja ta’ hsieb hi s-sentenza **Zammit v. Zammit**, Prim' Awla deciza fis-27 ta' Jannar 2006:-

“Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta’ zwieg bazata fuq il-kawzali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta’ zwieg minhabba nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.”

Issir ukoll referenza ghas-sentenza **Arqueros v. Arqueros Moreno**, deciza fit-30 ta' Lulju, 2010, gie dikjarat illi:-

“L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x’inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b’att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess.

Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b’att pozittiv u b’impenn tal-volonta`, eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x’inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta’ zwieg! Din il-Qorti tista’ tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta’ dan il-kaz, ghax blargumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta’ wahda jew l-ohra mill-kawzali.”

Il-Qorti ser titratta, kif qed taghmel, iz-zewg kawzali; naturalment fl-isfond tal- gurisprudenza nostrana fir-rigward ta’ kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

Il-Qorti ma rriskontra xejn li jipprova illi fil-mument tal-kunsens taz-zwieg l-attrici jew il-konvenut kienu qed jeskludu iz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif qed tallega. Ghall-kuntrarju jirrizulta li l-attrici kienet hasbet sew dwar dak li riedet

taghmel u minkejja li kellha id-dubbji riedet tibqa' ghaddejja. Dwar il-volonta' taghha kif tixhed hi stess - '*konna ilna gharajjes disa' snin u jien, li sadanittant kelli sitta u ghoxrin sena, Irragunajt li jekk se narmi disa' snin gherusija, u nfittex lil haddiehor, ikolli nerga' nibda mill-bidu u mbaghad Alla biss jaf meta kont nizzewweg u jkolli t-tfal.*', Skond ommha kienet qaltilha '*Jien issa ghamilt commitment u rrid insegwih*'. u habibitha tixhed li kienet tghidlha '*forsi la nizzewwgu nsir inhobbu*'.

Jirrizulta illi effettivament il-konflitti li kien ikollhom il-partijiet ma kienx minhabba li l-attrici kienet eskludiet iz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu. Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti it-talba attrici msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 ma tirrizultax ippruvata u ghalhekk qed tigi respinta.

Fir-rigward tas-sub inciz (1) (d) tal-Artikolu li jipprovdi li zwieg huwa null:-

***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

Il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Kif rajna l-Artikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi ab bazi tas-sub-inciz de quo trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

**Fl-Ewwel ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikolu ta' dan il-Kodici, intitolat **."Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin"** jinghad hekk:

2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiejiet tal-familja.

Ikkunsidrat

Fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mao"** deciza mill-Prim' Awla fl-20 ta' Ottubru 2000 gie dikjarat illi:-

*"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett talkunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.'*

Il-Gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Ghalhekk wiehed irid jistaqsi: kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet li jirrendi l-kunsens moghti invalidu ghall-finijiet tal-ligi?

Fis-sentenza **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 jinghad li:-

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament* ***(jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun)*** *fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Imbaghad fis-sentenza "**Atkins Charles Vs Atkins Matilde**" (P.A. 2ta' Ottubru 2003) inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan is-sub inciz u l-prova mehtiega sabiex azzjoni imsejsa fuqu tirnexxi:-

*"Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur.* ***Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi****....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.'*

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) *"Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament* ***marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg****. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.*

Fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg,* ***jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*** *Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (***Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not*

*yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)**or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*** ( **"Janet Portelli v. Victor Portelli" –** Prim' Awla - 14 ta' Awissu 1994)

Ikkunsidarat;

Il-provi imressqa abbundantament jippruvaw illi ghalkemm il-partijiet kienu ilhom is-snin gharajjes, it-tnejn li huma ma kienux ihaddnu maturita' affettiva li hija presuppost ghal decizzjoni libera ghaz-zwieg. Ix-xhieda tal-psikologa hija evidenza ta' inkapacita' psikika da parti tal-attrici illi impedita' milli tiehu decizzjoni libera u volontarja ghaz-zwieg mertu tal-kawza odjerna. Il-provi imressqa jippruvaw illi fil-mument li l-partijiet resqu ghac-cerimonja tat-tieg l-attrici ma kelliex dik il-maturita' affettiva necessarja sabiex tikkuntratta zwieg validu. Il-kondizzjoni psikologika taghha irrenditha mhux kapaci tirrifletti kif imiss fuq l-obbligi u d-drittijiet li jgib mieghu iz-zwieg.

Hija l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi fiz-zmien rilevanti l-attrici kienet qed tbati minn deficjenza fil-fakolta' kritiko-estimativa taghha, bil-konsegwenza illi l-kunsens moghti huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Irravvizat fl-attrici u l-kunsens taghha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li jirrenda l-kunsens moghti minnha bhala wiehed mhux validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bil-konsegwenza illi z-zwieg tal-partijiet huwa rez nullu u bla effett. Jirrizulta li l-attrici qabel iz-zwieg kienet ghaddejja minn zmien ta' ansjeta' u insikurezza - bejn trid tibqa' ghaddejja biz-zwieg, wara gherusija ta' tnax il-sena li kienet mimlija b'argumenti u agir negattiv fil-konfront taghha, biz-zwieg biex tikkuntenta lilha nnifisha u n-nies ta' madwara u bejn li kienet thoss in-nuqqas ta' mhabba u gibda li normalment tkun ezistenti fil-gurnata tat-tieg. L-ezistenza ta' dan l-*istatus animi* ikkonfermatu il-psikologa, xaghrejn qabel iz-zwieg, u assocjatu mar-rabja li kienet ikkrejat ruhha fl-attrici bl-agir tal-konvenut. Ix-xhieda ta' omm l-attrici u tal-habiba taghha jikkorroboraw l-istat psikologiku prekarju tal-attrici ezatt qabel it-tieg.

Id-diskrezzjoni tal-gudizzju, tista jissejjah b'diversi modi: gudizzju prattiku, gudizzju ta' valur, gudizzju evalwattiv, gudizzju diskrettiv. Dan iffisser, 'l hinn mit-termini li jintuzaw, li biex wiehed jaghti kunsens matrimonjali validu mhux bizzejjed li jkollu gharfien astratt, teoriku, informattiv tal-obbligi essenzjali taz-zwieg. L-gharfien astratt, ghalkemm necessarju u indispensabbli, irid jghaddi ghall-fakulta' superjuri tal-bniedem li permezz tieghu jaghraf, ghalinqas fis-sustanza, l-implikazzjonijiet prattici li l-kunsens matrimonjali jgib fil-hajja tieghu u tal-parti l-ohra mhux biss ghas-zmien prezenti izda wkoll ghal dak futur.

Il-kunsens matrimonjali, peress li hu att tal-volonta', jehtieg li jemani minn volonta' libera b'konoxxenza ta' l-att li ser jaghmel - l-uzu tal-fakoltajiet tar-raguni u tal-volonta, liema volonta' necessarjament titlob mhux biss li tkun sufficjentement imdawwla mir-raguni izda wkoll li tgawdi dak il-grad necessarju ta' liberta' biex tkun tista' tiddetermina lilha nnfisha.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-attrici tat kunsesns invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi meta resqet ghac-celebrazzjoni taz-zwieg.

Ghaldaqtant il-Qorti qed tikkonkludi illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tas-sub inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal Kap 255

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut billi :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar is-27 ta’ Awwissu 2011, huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet ta’ l-**Artikolu 19 (1) (d)** ta’ l-**Att Dwar iz-Zwieg.**

2. Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex isiru l-annotamenti necessarji fl-att taz-zwieg de quo.

Bl-ispejjez jiqghu fic-cirkostanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------